**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 259**
**It-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MARSA – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18301. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17177 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm fil-Marsa fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

11/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba dwar parkeġġi riservati fil-Marsa.

Seduta 259
07/10/2024

**SANTA VENERA – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18302. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17178 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm f'Santa Venera fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fih tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

11/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba dwar parkeġġi riservati f'Santa Venera.

Seduta 259
07/10/2024

**ĦAMRUN – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18303. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17179 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm fil-Ħamrun fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

11/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba dwar parkeġġi riservati fil-Ħamrun.

Seduta 259
07/10/2024

**FLORIANA – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18456. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17180 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm fil-Floriana fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

15/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**BELT VALLETTA – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18457. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17181 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm fil-Belt Valletta fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

15/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**PIETÀ – SPAZJI GĦAL PARKEĠĠI RISERVATI**

**18458. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17182 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u jgħid kemm-il spazju ta' parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità kien hemm fil-Pietà fis-snin 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u triq triq?

15/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - EVENTS**

**19879. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista’ l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid kemm saru events organizzati mill-istess Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F’kull każ jista’ jgħid ukoll:

(i) x’kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta’ direct order u kemm kienet permezz ta’ sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tingħabar l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - EVENTS**

**19880. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid kemm saru events organizzati mis-Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tingħabar din l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - EVENTS**

**19881. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid kemm saru events organizzati mis-Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħha minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - EVENTS**

**19882. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid kemm saru events organizzati mis-Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex tinġabar l-informazzjoni mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-INDAFA PUBBLIKA - EVENTS**

**19883. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika, jgħid kemm saru events organizzati mis-Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar din l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA -EVENTS**

**19884. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, jgħid kemm saru events organizzati mis-Segretarjat Parlamentari u/jew entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħu minn Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'kull każ jista' jgħid ukoll:
(i) x'kienet it-tema;
(ii) kemm ġiet tiswa kull event;
(iii) kif intefqu l-flus (eż. post, catering, backdrop, sound, dawl, eċċ.);
(iv) min kienu l-kuntratturi u/jew l-individwi li għamlu x-xogħol;
(v) kemm minn din in-nefqa kienet permezz ta' direct order u kemm kienet permezz ta' sejħa pubblika?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tinġabar din l-informazzjoni kif mitluba tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 259
07/10/2024

**SKOLA MEDIKA BARTS - ĦLAS LILL-GĦALLIEMA**

**19886. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed iħallas lill-għalliema Maltin u barranin tal-Iskola Medika Barts? Jekk le, jista' jgħid min qed iħallas lil dawn l-għalliema?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**SKOLA MEDIKA BARTS – GĦALLIEMA**

**19887. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema Maltin u barranin fl-Iskola Medika Barts?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**SKOLA MEDIKA BARTS – NAZZJONALITAJIET TAL-GĦALLIEMA U L-ISTUDENTI**

**19888. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'nazzjonalitajiet għandhom l-għalliema u l-istudenti tal-Iskola Medika Barts?

05/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**SKOLA MEDIKA BARTS – GĦALLIEMA**

**19889. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-għalliema tal-Iskola Medika Barts intgħażlux b'call jew b'tender? Jekk b'call meta ġiet ippubblikata u jekk b'tender meta ġiet ippubblikata?

10/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**L-INKJESTA MAĠISTERJALI VGH/STEWARDS**

**19943. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Fid-dawl li f'kull ċitazzjoni u f'kull kumpilazzjoni li bdew wara l-Inkjesta Maġisterjali VGH/Stewards hemm l-akkuża li l-frodi u l-misappropriation saru "għad-dannu tal-Gvern ta' Malta", jista' l-Ministru jgħid għaliex l-Avukat tal-Istat ma talabx lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex ikun ammess bħala parti offiża għan-nom tal-Istat?

12/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**L-INKJESTA MAĠISTERJALI VGH/STEWARDS**

**19944. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Fid-dawl li f'kull ċitazzjoni u f'kull kumpilazzjoni li bdew wara l-Inkjesta Maġisterjali VGH/Stewards hemm l-akkuża li l-frodi u l-misappropriation saru "għad-dannu tal-Gvern ta' Malta", jista' l-Ministru jgħid għaliex l-Avukat tal-Istat ma talabx lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex ikun ammess bħala parti offiża għan-nom tal-Istat?

12/06/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Niġbed l-attenzjoni lill-Onor. Interpellant għall-Artikolu 4, sub-inċiż 1, tal-Kodiċi Kriminali illi jistipula s-segwenti:

L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ,skont il-liġi.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-FOSS - SPEZZJONIJIET DWAR L-INDAFA**

**20094. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex isiru spezzjonijiet fuq l-istat ta' ndafa li tinsab fih preżentement Triq il-Foss (Ditch Street), f'Raħal Ġdid, u jekk iva, x'passi ttieħdu?

18/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Paola li għandu Contracts Manager li jieħu ħsieb jagħmel spezzjonijiet madwar ir-raħal u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar x'hemm bżonn li jsir.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-FOSS - SPEZZJONIJIET DWAR L-INDAFA**

**20095. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex isiru spezzjonijiet fuq l-istat ta' ndafa li tinsab fih preżentement Triq il-Foss (Ditch Street), f'Raħal Ġdid, u jekk iva, x'passi ttieħdu?

18/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali ma rċieva l-ebda lment relatat ma' nuqqas ta' ndafa fit-Triq indikata mis-sena li għaddiet sal-llum.
Minn wara li saret din il-mistoqsija parlamentari, uffiċjali mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali xorta reġgħu għamlu spezzjoni ġo din it-Triq iżda nstabet fi stat tajjeb ta' ndafa u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jittieħdu xi passi ulterjuri.
Nappella lill-Onor. Interpellant li jekk għandu xi lment/i dan jgħaddihomli, ħalli d-dipartiment għas-Saħħa Ambjentali jkompli jinvestiga.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ SANT'UBALDESCA - SPEZZJONIJIET DWAR L-INDAFA**

**20096. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex isiru spezzjonijiet fuq l-istat li tinsab fih preżentement Triq Sant'Ubaldesca, f'Raħal Ġdid, u jekk iva, x'passi ttieħdu?

18/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Paola li għandu Contracts Manager li jieħu ħsieb jagħmel spezzjonijiet madwar ir-raħal u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar x'hemm bżonn li jsir.

Seduta 259
07/10/2024

**EUROPEAN SPORT FORUM**

**20097. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min irrappreżenta lil pajjiżna fil-European Sport Forum li għadu kif sar f'April 2024 u ċjoè min kienu l-persuni u kif intgħażlu? Jista' jgħid ukoll kemm intefqu flus?

18/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li SportMalta, bħala kordinatur tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, tkun mistiedna biex tieħu sehem fil-Forum.
Il-Kap Eżekuttiv ta' Sport Malta u kif ukoll Manager fi ħdan l-entità rrapreżentaw lill-pajjiżna fil-Forum imsemmi, fejn l-ispiża totali kienet ta' €2,008 li tinkludi per diems u akkomodazzjoni. Infurmat li din l-ispiża tiġi koperta mill-fond Ewropew tal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport.

Seduta 259
07/10/2024

**FIAU - KSUR TAL-KOSTITUZZJONI**

**20235. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16916 li ngħatat fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024, jista' l-Ministru jara li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata b'urġenza, għaliex id-dewmien biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni jfisser li persuni li possibbilment qed jaġixxu bi ksur tal-liġi, qed jispiċċaw ma jiġux sanzjonati?

24/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s'issa għad m'hemm l-ebda deċiżjoni fuq l-appelli li ġew intavolati kemm mill-Avukat tal-Istat u mill-FIAU fir-rigward tad-deċiżjonijiet li ngħataw mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali), hekk kif diversivament preseduta. Għalhekk naturalment, wieħed għandu jifhem illi l-eżitu u d-dettal ta' dawn l-appelli kostituzzjonali għadu la hu determinat u wisq inqas magħruf.

In oltre, wieħed irid jifhem li fid-deċiżjonijiet li ġew appellati hemm il-bżonn ta' numru ta' kjarifiċi sabiex wieħed ikun jista' jiddetermina d-dettall tat-tibdil neċessarju; dejjem jekk ikun hemm bżonn ta' tibdil. Kif diġà ġie spjegat drabi oħra, inkluż fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16916, il-Gvern jieħu kull deċiżjoni opportuna biex jassigura amministrazzjoni effiċjenti u t-twettiq effikaċi tal-funzjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji.

Bħala Gvern din il-materja dejjem ittieħdet bis-serjetà u f'ċertu istanzi konna delużi għaliex anke mistoqsijiet parlamentari bdew isiru sabiex jintużaw fil-Qorti għal raġunijiet mhux magħrufa però żgur mhux sabiex persuni li possibbilment qed jaġixxu bi ksur tal-liġi jiġu sanzjonati. Fil-fatt sabiex nassiguraw li kull tibdil li jaf ikun neċessarju jsir bl-iktar mod effiċjenti u tempestiv, u sabiex inkomplu nkunu sostenibbli fil-proċess ta' infurzar effettiv, kif konna qbilna mal-Financial Action Task Force fiż-żmien li Malta kienet qed tiġi assessjata qabel il-ħruġ tagħha mil-lista l-Griża, l-Awtoritajiet Regulatorji li għandom funzjonijiet ta' infurzar qed jaħdmu u ser jibqgħu jaħdmu biex ikomplu jsaħħu l-funzjonijiet tagħhom.

Seduta 259
07/10/2024

**KUNTRATT TAT-TLIET SPTARIJIET - SIDE LETTERS MA' ŻEWĠ KUMPANIJI**

**20325. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru side letters mal-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, fir-rigward tal-kuntratt li kien sar mat-tliet sptarijiet? Jista' jgħid ukoll kemm tħallsu flus mill-Ministeru għall-Finanzi ai termini ta' dawn is-side letters minn meta bdew jitħallsu dawn iż-żewġ kumpaniji u kemm kien it-total ta' flus li ngħataw dawn il-kumpaniji jew sussidjarji tagħhom bis-saħħa ta' dawn is-side letters?

26/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**PBS - IMPJEGATI**

**20326. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati mal-PBS jew kumpaniji sussidjarji tagħha minn Jannar sa Ġunju 2024, maqsuma xahar b'xahar?

26/06/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li n-numru totali ta' impjegati mal-PBS jew kumpaniji sussidjarji tagħha minn Jannar sa Ġunju 2024 kien kif ġej: Jannar 114, Frar 117, Marzu 118, April 123, Mejju 121 u Ġunju 124.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTARIJIET U KLINIĊI PRIVATI LI GĦAMLU XOGĦOL GĦALL-GVERN**

**20327. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema sptarijiet u kliniċi privati għamlu xogħol għall-Gvern f'Malta u Għawdex matul is-snin 2022, 2023 u sa Ġunju 2024? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont totali li tħallsu dawn l-isptarijiet/kliniċi u kemm huwa l-ammont dovut għal dan ix-xogħol għal kull wieħed u waħda minn dawn l-isptarijiet u kliniċi privati għall-perjodu indikat?

26/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif jaf hu din hija informazzjoni ta' natura kummerċjali. Dawn il-flus pubbliċi ntużaw sabiex il-pazjenti Maltin u Għawdxin ikunu jistaw jieħdu servizz effiċjenti u l-kura meħtieġa mingħajr ma jkomplu jistennew għal tul ta' żmien, kif kien jiġri taħt gvern nazzjonalista.

Seduta 259
07/10/2024

**MFSA - PENALITAJIET**

**20356. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: B'referenza għar-rapport annwali tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għall-2023, jista' l-Ministru jgħid kemm mill-penalitajiet imposti mill-MFSA ġew miġbura u kemm minnhom ġew ikkontestati?

27/06/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f l-2023, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta imponiet total ta' penalitajiet li jammontaw għat-total ta' €444,800, u li minnhom s'issa ġew miġbura €417,350.
L-ebda penali imposta fl-2023 ma ġiet ikkontestata quddiem it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji jew il-Qrati.
Informazzjoni rigward kull azzjoni ta' infurzar meħuda mill-MFSA hija disponibbli pubblikament skont l-Artikolu 16(8) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u wkoll skont l-Publication Policy tal-Awtorità fuq is-sit tal-MFSA.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-BELT VALLETTA, TRIQ IL-KURVETTI U TRIQ BRITTANJA - XOGĦLIJIET**

**20363. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet tlestew fit-toroq il-Belt Valletta, il-Kurvetti u Brittanja, f'Raħal Ġdid u kemm ġew jiswew dawn rispettivament?

01/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-toroq imsemmija saret ħidma estensiva b'investiment totali ta' ftit iktar minn €1,400,000. Fi Triq il-Kurvetti sar investiment infrastrutturali ta' €38,500 b'xogħlijiet jinkludu tqegħid tal-main tal-ilma, tibdil ta' soqfa tad-drenaġġ, bankini ġodda, skavar u bini mill-ġdid tat-triq u linji ġodda. Fi Triq Brittanja sar investiment infrastrutturali ta' €467,500, bl-investiment jinkludi tqegħid ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni tul il-medda tat-triq, tibdil ta' soqfa tad-drenaġġ b'parti mit-triq sar xogħol ta' sistema ta' drenaġġ ġdida; tqegħid tal-main tal-ilma filwaqt li parti mill-main kellha titbaxxa minħabba li kien fil-wiċċ, trinka u tqegħid ta' cables tal-Enemalta, bankini ġodda, skavar u bini mill-ġdid tat-triq u linji ġodda. Fi Triq il-Belt Valletta, Raħal Ġdid sar xogħol estensiv kawża ta' materjal dgħajjef li kienet komposta minnha t-triq. B'investiment ta' €900,000 sar tibdil tal-main tad-drenaġġ u tal-ilma, trinka u tqegħid ta' cables tal-Enemalta, bini ta' bankini ġodda, skavar u bini mill-ġdid tat-triq, u linji ġodda.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IL-BELT VALLETTA, TRIQ IL-KURVETTI U TRIQ BRITTANJA - XOGĦLIJIET**

**20364. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet tlestew fit-toroq il-Belt Valletta, il-Kurvetti u Brittanja, f'Raħal Ġdid u kemm ġew jiswew dawn rispettivament?

01/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**QORTI ĠDIDA TA' GĦAWDEX**

**20395. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-bini ta' qorti ġdida ġewwa Għawdex?

01/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**KUNSILL TAL-INFERMIERA U QWIEBEL – ILMENTI**

**20430. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**KUNSILL MEDIKU – ILMENTI**

**20431. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ilmenti quddiem il-Kunsill Mediku, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u jgħid dwar xiex kienu dawn l-ilmenti b'mod ġenerali? Kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti? Jista' jgħid ukoll kemm irċieva u pproċessa lmenti l-Kunsill Mediku minn Ġunju 2023?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI – LISTI TA' STENNIJA**

**20432. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-waiting list għal dawn l-interventi bħalissa;

i. MRI;
ii. CT Scan;
iii. Knee replacement; u
iv. Katarretti?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** (a) Ninforma lill-Onor. Interpellant, illum hemm tliet MRIs fl-Isptar Mater Dei li jaħdmu kważi 24 siegħa kuljum, 7 tijiem fil-ġimgħa. F'dawn l-aħħar xhur, introduċejna ukoll MRI fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Fix-xhur li ġejjin, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex ser ikollu magna ġdida u aktar avvanzata. Magni simili bħal din ser tiġi nstallata fir-Residenza San Vinċenz.

Bi pjaċir ninforma lill-Onor. Interpellant, il-Gvern qed jalloka €2.1 miljun extra għall-MRI twilight budget, liema ammont ser jiżdied fil-ġranet li ġejjin għal €3.8 miljun sabiex fejn is-soltu jsiru 375 MRIs extra fil-ġimgħa, din iċ-ċifra titla' għal 600 extra fil-ġimgħa. Ta' min jgħid li din li-inzjattiva se timbotta ċ-ċifra ta' MRIs extra għal 31,200 extra fis-sena. B'riżultat ta' hekk, huwa mistenni li fi żmien sena, il-ħinijiet kurrenti ta' stennija jonqsu drastikalment.

Ninsab infurmat li bħalissa, hemm 158 persuni jistennew appuntament għall-MRI, u ilhom jistennew aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent. Ikun hemm bosta' raġunijiet għala dan il-perjodu jinqabeż. Nassigura lill-Onor. Interpellant li jsir kull sforz sabiex f'każijiet urġenti ma jkun hemm ebda dewmien biex dan isir.

(b) Għat-tieni mistoqsija, ninforma lill-Onor. Interpellant li ftit tax-xhur ilu, nidejna investiment ta' €400,000, biex sal-aħħar ta' din is-sena madwar 3,000 CT scan se jkunu qed jiġu amministrati lill-pazjenti b'mard tal-kanċer u tal-qalb fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Dawn ser isiru f'ħinijiet barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol. Ninsab infurmat li fil-preżent fl-Isptar Mater Dei, matul il-ħin normali tax-xogħol, isiru madwar 150 CT scan kuljum permezz ta' tliet CT scanners, filwaqt li fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex isiru madwar 150 CT scan fil-ġimgħa permezz ta' CT scanner.

Ninsab infurmat, li bħalissa hemm 55 persuna jistennew CT Scan, li l-istennija tagħhom qabeż il-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għala l-perjodu nqabeż. Nassigura lill-Onor. Interpellant, li f'kull każ urġenti, CT Scan isir fi ftit jiem.

(c) Għat-tielet mistoqsija, ninsab infurmat li ngħataw aktar fondi sabiex minn Lulju 'l hawn bdew isiru extra sessions għall-knee u hip replacements. Apparti dawk li normalment isiru fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, extra sessions qed isiru kull nhar ta' Ħamis u kull nhar ta' Ħadd fi sptar privat u darba fil-ġimgħa extra fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. B'hekk l-1511-il pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti, kif ukoll persuni oħra li jinħtieġu dawn l-operazzjonijiet, il-perjodu ta' stennija dejjem ikompli jonqos.

(d) Għar-raba mistoqsija, ninsab infurmat ukoll li bħalissa hemm programm li bih minbarra l-operazzjonijiet li normalment isiru fl-isptarijiet tagħna, isiru 2,500 operazzjoni extra tal-kataretti fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. B'hekk, it-367 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti, kif ukoll persuni oħra li jinħtieġu din l-operazzjoniji, il-perjodu ta' stennija dejjem jonqos. Nassigura lill-Onor. Interpellant li kull fejn ikun hemm każ urġenti, din l-operazzjoni ssir fi żmien qasir.

Seduta 259
07/10/2024

**GU CLINIC – STENNIJA GĦAL APPUNTAMENTI**

**20433. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jużaw is-servizz tal-GU Clinic bħalissa? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni fuq il-waiting list għall-GU Clinic u x'inhi l-medja ta' kemm-il pazjent tal-GU Clinic qed idumu jistennew bejn appuntament u ieħor (follow-up)?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li n-numru ta' persuni li attendew il-GU clinic minn Jannar sa Settembru 2024 huwa ta' 3671 persuna.
Il-GU clinic tipprovdi appuntamenti għal-pazjenti skont il-proċess ta' triage scoring, fejn id-deċiżjoni biex jingħata appuntament tiddependi mill-urġenza tal-każ. F'każijiet urġenti l-pazjent jingħata appuntament fi ftit jiem. Pazjenti li jiġu għal-konsultazjoni għal-medicina PREP u m'għandhomx sintomi jiġu mogħtija appuntament wara ġimgħatejn. Pazjenti oħra jingħataw follow-up appointments skont il-każ, ġeneralment bejn xahar u 6 xhur, dejjem skont il-parir tal-professjonisti.

Seduta 259
07/10/2024

**DJAR TAL-ANZJANI - ALLOKAZZJONI TA' PERSUNA**

**20434. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min jiddeċiedi u kif jiġi deċiż f'liema home tmur persuna u jekk tmurx f'home tal-Gvern jew f'dar privata ssussidjata mill-Gvern? Jista' jgħid ukoll jekk fl-allokazzjoni, jiġix ikkunsidrat il-post fejn se tkun toqgħod il-persuna u l-qarib l-iktar viċin tagħha li jista' jkun anzjan ukoll u mhux neċessarjament isuq?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn naħa tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità, id-dħul fir-residenzi ta' kura jirrifletti r-riżultat ta' valutazzjoni medika mwettqa fuq l-individwu. Id-dħul isir ukoll skont id-disponibbiltà tas-sodod fir-residenzi ta' kura, irrelevanti jekk hux dar tal-Gvern jew dar privata ssussidjata mill-Gvern. Il-bord tal-ammissjoni jikkunsidra wkoll id-dħul fir-residenzi ta' kura fil-viċinanza tal-qraba biex ikun faċli għall-viżti. Madankollu, dan jiddependi fuq il-ħtiġijiet mediċi tal-individwu u d-disponibbiltà tas-sodod. Filwaqt, li l-proċess biex anzjan/a jidħlu bħala residenti f'San Vinċenz de Paul jinvolvi eżami mediku/assessjar minn tim multi-dixxiplinarju.
L-anzjani eleġibbli huma dawk li jiġi determinat li għandhom bżonn kura, attenzjoni u servizzi mediċi inter-dixxiplinarji iżjed regolari u allura jaqgħu f kategorija 1.
L-allokazzjoni tiddependi minn sodod vojta disponibbli skont il-bżonn kliniku. Jekk il-konjugi jkunu diġà residenti u l-persuna tkun applikat biex tidħol f'dar tal-anzjani, din tiġi aċċettata. Dejjem isir mill-aħjar biex l-anzjani jkunu flimkien iżda dan jiddependi mid-disponibiltà tas-sodod.

Seduta 259
07/10/2024

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – UNITS ALLOKATI**

**20435. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati units tal-akkomodazzjoni soċjali minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

01/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**IL-ĦAMRUN - SPAZJI MIFTUĦA**

**20593. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-Ħamrun? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun li li l-kunsill qed jara x'possibiltá hemm li jinstabu siti fejn jistgħu jinholqu spazji miftuha fil-lokalita. Għalkemm Project Green huma involuti fid-diskussjonijiet dwar dawn il-proġetti, ma saritx talba formali.

Seduta 259
07/10/2024

**L-IKLIN - SPAZJI MIFTUĦA**

**20594. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fl-Iklin? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Iklin li hemm pjazza waħda li hija kkunsidrata bħala spazju miftuħ fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ma ssottometta l-ebda applikazzjoni ma' Project Green.

Seduta 259
07/10/2024

**IL-KALKARA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20595. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez fil-Kalkara? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara li hemm tliet ġonna u żona oħra kkunsidrati bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali għaddej b'diskussjonijiet sabiex jiżviluppa aktar spazji miftuħa f'żoni urbani. Fil-mument, ma hemmx applikazzjonijiet pendenti ma' Project Green għax il-Kunsill għadu kif ibbenefika minn fondi ta' Project Green biex jiġu riġenerati Ġnien Rnella u Ġnejnet iċ-Ċkejken Ziam.

Seduta 259
07/10/2024

**ĦAL KIRKOP - SPAZJI MIFTUĦA**

**20596. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez f'Ħal Kirkop? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali Ħal Kirkop li hemm erba' spazji miftuħa li jinkludu żewġ ġonna, pjazza u żona oħra fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ssottometta applikazzjoni ma' Project Green, li madankollu ma kisbitx suċċess. Il-Kunsill Lokali ġie avvicinat minn Project Green biex isir xogħol ta' tisbiħ fi Triq Nerik Xerri.

Seduta 259
07/10/2024

**ĦAL LIJA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20597. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez f'Ħal Lija? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija li hemm tliet ġonna li huma kkunsidrati bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ġie avviċinat min Project Green biex isir xogħol ta' tisbiħ fil-Ġnien fi Triq Merino u x-xogħol mistenni jibda fi żmien qasir.

Seduta 259
07/10/2024

**ĦAL LUQA - SPAZJI MIFTUĦA**

**20598. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm spazji miftuħa li jinkludu ġonna u pjazez f'Ħal Luqa? X'qed isir jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu kreati iktar spazji miftuħa f'din il-lokalità? Jista' jgħid ukoll jekk il-Kunsill Lokali ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green biex jiġu emeljorati spazji miftuħa eżistenti jew sabiex jinħolqu spazji miftuħa ġodda? Jekk iva, x'kien il-feedback li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand Project Green?

04/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li hemm tliet żoni kkunsidrati bħala spazji miftuħa fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali prezentement għaddej f'diskussjonijiet ma' Project Green, dwar diversi ġonna fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali ġie wkoll avviċinat min Project Green biex isir xogħol ta' tisbiħ fil-Ġnien fi Triq Mikelang Sapiano.

Seduta 259
07/10/2024

**SKART PIROTEKNIKU - RIMI**

**20614. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy jew il-prassi relatata ma' rimi ta' skart piroteknku?

05/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskart li qed jirreferi għalih huwa regolat mill-Ordinanza Dwar l-Esplossivi (Kap. 33) u għaldaqstant nitolbu jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**SKART PIROTEKNIKU - RIMI**

**20615. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy jew il-prassi relatata ma' rimi ta' skart piroteknku?

05/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – SPEZZJONIJIET TA' INFURZAR**

**20651. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7444 u jgħid kemm-il spezzjoni ta' infurzar saret mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fis-snin 2021, 2022 u 2023? Jista' jgħid fejn saru dawn l-ispezzjonijiet, żona b'żona?

08/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għandha l-obbligu li taċċerta li kull min hu involut fil-qasam turistiku josserva r-regolamenti provduti mil-liġi. Għaldaqstant, l-Awtoritàtuża sistema ta' spezzjonijiet biex tara kemm l-istandards huma tajba kif ukoll biex tara li kull min qiegħed jopera fis-settur huwa liċenzjat. L-ispezzjonijiet huma maqsuma fi tlett kategorija prinċipali:

1) L-ispezzjonijiet li jsiru għal applikazzjonijiet ġodda biex jiġi żgurat illi l-applikant jkollu kollox skont il-liġi qabel ma tinħareġ il-liċenzja. Fit-tlett snin imsemmija saru total ta' 3,703-il spezzjoni.
2) L-ispezzjonijiet ta' rutina li jsiru fl-operat tat-turiżmu li jaqgħu taħt id-Direttorat tal-Infurzar. Fit-tlett snin imsemmija saru total ta' 19,419-il spezzjoni.
3) L-ispezzjonijiet li jsiru f'każ ta' ilmenti mill-pubbliku fejn ikun hemm suspett illi l-operatur qiegħed jopera mingħajr il-liċenzja meħtieġa jew hemm nuqqas ta' standard. Fit-tlett snin imsemmija saru total ta' 1,442-il spezzjoni.

Fis-sena 2021, l-Awtorità għamlet spezzjonijiet relatati mal- COVID-19.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 259
07/10/2024

**IDENTITÀ - KARTI TAL-IDENTITÀ LI NĦARĠU ILLEGALMENT**

**20669. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk instabx li Identità ħarġet Karti tal-Identità illegalment wara li ngħataw ċertifikati li kienu ffalsikati? Jista' jgħid kemm-il Karta tal-Identità illegali nstabet u x'se jsir fuq hekk?

08/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mit-tagħrif li għandi l-aġenzija Identità ma kellix każi marbuta ma' ħruġ ta' karti tal-identità b'mod illegali jew falsifikati kif qed jindika fid-domanda tiegħu.
Jekk l-Onor. Interpellant qed jistaqsi dwar permessi ta' residenza, li hija xi ħaġa totalment differenti, kif suppost jaf, ninfurmah li wara investigazzjoni nterna mit-Taqsima tal-Compliance u l-Expatriates Unit fi ħdan l-Aġenzija Identità, l-Aġenzija għaddiet l-informazzjoni, inkluż il-provi kollha misjuba minnha, lill-Pulizija ta' Malta biex tkompli bl-investigazzjonijiet u tieħu kwalunkwe azzjoni neċessarja skont il-liġi.
It-taqsima tal-Compliance twaqfet proprju bħala għodda oħra ta' governanza interna fi ħdan l-awtorità hekk kif m'għandha tittolera l-ebda forma ta' abbuż jew azzjonijiet li b'xi mod jew ieħor jaffettwaw l-integrità tagħha u l-fiduċja tal-pubbliku fiha.
Jien nibqa' ninsisti mal-awtorità li jinvestigaw kwalunkwe suspett li jista' jinħoloq waqt l-eżerċizzji ta' verifika mwettqa minnha, jew fuq rapporti li tirċievi, u f'każ li dawn jirriżultaw fondati tgħaddi l-informazzjoni kollha neċessarja lill-Korp tal-Pulizija.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR KARIN GRECH - PAZJENTI**

**20670. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan għall-Isptar Karin Grech? Kemm hemm pazjenti bħalissa fl-Isptar Karin Grech? Jista' jgħid ukoll meta u fejn se jibdew jitqiegħdu dawn il-pazjenti waqt ix-xogħlijiet fl-Isptar Karin Grech?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjin diskussjonijiet u ppjanar tas-servizzi tas-saħħa fejn il-qofol hu kif ser inkomplu ntejbu s-servizzi sabiex il-pazjent ikollu kura ħolistika u dejjem aħjar bil-prinċipju li jiggwidana jibqa' dejjem "il-pazjent l-ewwel".

Seduta 259
07/10/2024

**FORMULARJU TAL-MEDIĊINI**

**20671. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar formularju tal-mediċini sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll meta kien ġie emendat l-aħħar il-formularju tal-mediċini?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma li l-Onor. Interpellant li kopja tal-aħħar formularju tal-mediċini qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-aħħar li ġie aġġornat kien f'Lulju 2024.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI - UFFIĊĊJI FIS-SWATAR – ĦADDIEMA**

**20672. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fejn se jitpoġġew il-ħaddiema barra mill-Isptar Mater Dei fejn huma l-uffiċċji fis-Swatar, jekk sarx xi ftehim dwar dawn l-uffiċini u kemm hemm ħaddiema b'kollox li se jkunu ċċaqalqu u minn liema dipartimenti?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-ħaddiema ser jitqassmu fi tlett sulari fl-ex HSBC Call Centre. Bħalissa hemm ftehim li qed jiġi negozjat. B'kollox hemm 180 ħaddiem li se jkunu qed jiċċaqalqu u dawn ġejjin mill-Amministrazzjoni li jinkludu Finanzi u Riżorsi Umani.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI - PJANTI TA' TIBDIL**

**20673. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti tat-tibdil fl-Isptar Mater Dei fil-ġranet li ġejjin?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li l-pjanti jkunu approvati mill-awtoritajiet konċernati, dawn jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI - FONDI EWROPEJ**

**20674. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex se jintużaw fondi Ewropej biex isir it-tibdil li hu ppjanat fil-binja tal-Isptar Mater Dei?

08/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li kull possibilità ta' finanzjament tiġi esplorata s'issa t-tibdil ippjanat fil-binja tal-Isptar Mater Dei hu minn fondi nazzjonali.

Seduta 259
07/10/2024

**BAJJIET - GĦAWM MILL-KLIEB**

**20690. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-bajjiet li fihom seta' jsir għawm mill-klieb matul is-sena 2023 u f'liema perjodu kien permissibli li dan isir?

08/07/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni kif deskritta sussegwentement.

**Malta**

- Bajja viċin is-*Sailing Club*, Birżebbuġa
- Il-Bajja tar-Rinella, Kalkara
- L-Ilsien (Żonqor Point), Wied il-Għajn
- Il-Bajja ta' San Tumas, Wied il-Għajn
- Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk
- Daħlet ix-Xmajjar, Mellieħa
- Ramlet it-Torri, Mellieħa
- Bajja tal-Imġiebaħ Selmun, Mellieħa
- Ir-Ramla ta' Wied Musa, Ċirkewwa, Mellieħa
- Ramlet il-Qortin, Mellieħa
- Baħar iċ-Ċagħaq (wara Splash and Fun), Naxxar
- Tigne' Point, Sliema

**Għawdex**

- Il-Bajja ta' Gorgun, Mġarr, Għawdex
- Ras il-Ħobż, Mġarr ix-Xini, Sannat, Għawdex
- Il-Bajja tad-Dwejra. San Lawrenz, Għawdex
- Il-Bajja tal-Qbajjar, Żebbuġ, Għawdex

Dawn il-bajjiet huma awtorizzati biex fihom jistgħu jgħumu l-klieb biss u mhux speċi ta' annimali oħra. L-użu ta' dawn il-bajjiet hu permissibbli s-sena kollha mingħajr restrizzjonijiet għal xi perijodu definit.

Seduta 259
07/10/2024

**PERSUNI BI PROBLEMI TA' SAĦĦA MENTALI - IMPJIEGI PERMANENTI**

**20692. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 20173 u 20301 u jgħid kemm kien hemm persuni bi problemi ta' saħħa mentali li ngħataw sapport sabiex ikunu jistgħu jsibu impjieg permanenti wara li jkunu temmew il-kura neċessarja?

08/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li wieħed ma jistax jorbot is-saħħa mentali tal-individwu direttament mat-tfittxija għall-impjieg biss. Fil-fatt, il-professjonisti tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jaħdmu ma' professjonisti oħra f'timijiet multi-dixxiplinarji biex jagħtu għajnuna ħolistika lil persuni li jeħtieġu għajnuna għal kundizzjoni ta' saħħa mentali.

Fil-fatt, matul l-2023, il-professjonisti tal-FSWS ħadmu ma' 1,219-il persuna li semmew is-saħħa mentali bħala l-problema primarja tagħhom. Dawn in-nies ingħataw għajnuna mill-professjonisti li jaħdmu mal-FSWS, fiċ-ċentri tas-saħħa fejn l-FSWS għandha preżenza ta' ħaddiema soċjali. Tali għajnuna ngħatat ukoll lil 853 persuna oħra li l-problema primarja tagħhom ma kinitx is-saħħa mentali iżda li seta' kellhom sfidi ta' saħħa mentali fl-imgħoddi u li b'xi mod ħalliet effett fuqhom. Ovvjament, jekk kien hemm persuni fost dawn l-individwi li, fost l-oħrajn, riedu għajnuna biex isibu u jibqgħu fl-impjieg dawn ingħataw għajnuna għal din l-materja wkoll.

Seduta 259
07/10/2024

**ENEMALTA - XOGĦLIJIET FI TRIQ BURMARRAD**

**20693. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi site plan li tindika fejn twettqu x-xogħlijiet mill-Enemalta fi Triq Burmarrad (it-triq li tagħti minn Triq il-Witja/Triq Toni Camilleri għal Triq is-Salina)? Tista' tgħid ukoll jekk ix-xogħol mill-Enemalta tlestiex? Jekk iva, meta tlesta u jekk le, meta hu mistenni li jitlesta?

08/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 17689, ninfurmaha li x-xogħlijiet mill-Enemalta tlestew f'Marzu li għadda.

Seduta 259
07/10/2024

**KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA - XOGĦLIJIET FI TRIQ BURMARRAD**

**20694. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi site plan li tindika fejn twettqu x-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq Burmarrad (it-triq li tagħti minn Triq il-Witja/Triq Toni Camilleri għal Triq is-Salina)? Tista' tgħid ukoll jekk ix-xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tlestiex? Jekk iva, meta tlesta u jekk le, meta hu mistenni li jitlesta?

08/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19040, ninfurmaha li x-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tlestew f'Ġunju li għadda.

Seduta 259
07/10/2024

**KONTENITURI TAŻ-ŻIBEL - MANUTENZJONI U TBATTIL**

**20712. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-manutenzjoni u t-tbattil tal-kontenituri taż-żibel (inkluż dustbins) li jinsabu fit-toroq arterjali u distributorji jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kontenituri tal-iskart li jinsabu fit-toroq arterjali u distributorji huma fir-responsabbiltà tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni.

Seduta 259
07/10/2024

**KONTROLL TAL-ĦAMIEM - INIZJATTIVI**

**20713. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inizjattivi partikolari ttieħdu biex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex? Jista' jagħti dettalji dwar dawn l-inizjattivi u x'kien ir-riżultat? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx ħsieb li jittieħdu inizjattivi għall-kontroll tal-ħamiem?

09/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li fis-snin li għaddew kien hemm inizjattiva li permezz tagħha l-ħamiem selvaġġ jingħata għalf li fuq perjodu fit-tul irendihom sterili, ir-riżultat, madankollu ma setax jitkejjel. Jista' jkun hemm kunsilli differenti li addottaw u li qed jevalwaw metodi differenti għall-kontroll tal-ħamiem.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20735. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20736. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnha u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u tgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20737. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20738. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20739. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnu u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u jgħid x'kienu r-raġunijiet li ngħataw f'każ ta' talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ATT DWAR IL-LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI - TALBIET**

**20740. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew ippreżentati talbiet skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni lill-Ministeru mmexxi minnha u lill-entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha minn nhar is-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista’ tgħid dawn it-talbiet minn min saru u dwar xiex saru? Tista’ tgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew milqugħa, kemm ġew rifjutati u kemm għadhom pendenti u tgħid x’kienu r-raġunijiet li ngħataw f’każ ta’ talbiet li ġew rifjutati?

09/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW ULTRA SOUND GUIDED INTERVENTIONS**

**20753. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20250 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew Ultra Sound Guided Interventions?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li m’hemm ebda pazjent li qed jistenna ultra sound guided intervention aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent.

Nassigura lill-Onor. Interpellant li jsir kull sforz sabiex f’każijiet urġenti ma jkun hemm ebda dewmien biex dan isir.

Seduta 259
07/10/2024

**PAZJENTI LI QEGĦDIN JISTENNEW DIAGNOSTIC ULTRASOUND**

**20754. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20251 u jgħid kemm hemm pazjenti li qegħdin jistennew diagnostic ultrasound?

09/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm 91 pazjent li qed jistennew diagnostic ultrasound u ilhom jistennew aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent. Ikun hemm bosta raġunijiet għala dan il-perjodu jinqabeż.
Nassigura lill-Onor. Interpellant li jsir kull sforz sabiex f’każijiet urġenti ma jkun hemm ebda dewmien biex dan isir.

Seduta 259
07/10/2024

**GOLDEN BEE AWARDS - LISTA TA' MISTEDNIN BARRANIN BIEX JAGĦTU AWARDS**

**20767. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20571 u jippubblika l-lista tal-mistednin barranin li kienu mistiedna għall-Golden Bee Awards b'mod speċifiku dawk li taw l-awards lir-rebbieħa preżenti? Jista' jgħid kemm ġew imħallsa kif ukoll kemm ġew jiswew it-titjiriet tal-ajru ta' kull wieħed minnhom u jgħid kemm ġew jiswew ukoll l-akkomodazzjonijiet tagħhom separatament?

10/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dettalji dwar il-Mediterrane Film Festival se jingħataw f'rapport li qed jitħejja u li se jkun qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**SEJĦA PUBBLIKA CT 2023/2022 - KONSULENTI ESTERNI U/JEW SERVICE PROVIDERS**

**20776. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista ta' konsulenti esterni (u/jew service providers), li kienu/huma ingaġġati fis-sejħa pubblika CT 2023/2022, b'kull service provider/konsulent u x'kien ir-rwol tiegħu, kemm tħallas, u x'tip ta' proċedura ntużat sabiex tali servizz jinxtara mill-Ministeru u/jew minn WasteServ (Malta) Limited u/jew mid-Dipartiment tal-Kuntratti?

10/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qed nassumi li l-Onor. Interpellant qed tirreferi għas-sejħa pubblika CT 2032/2022 (u mhux CT 2023/2022 kif jingħad fil-mistoqsija). Il-konsulenti ngaġġati biex jassistu lill-Wasteserv Malta f'din is-sejħa huma COWI A/S, Frith Resource Management Ltd, Willis Ltd, Ganado & Associates Advocates. Il-kumplament tal-informazzjoni mitluba tinsab fid-dokument li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Niċċara li l-ammont indikat għal COWI A/S jinkludi servizzi ta' konsulenza teknika għal sejħiet oħra apparti s-sejħa CT 2032/2022.

Seduta 259
07/10/2024

**IR-RABAT MALTA - WIED TA' SANTA KATERINA - XOGĦOL TA' TINDIF**

**20778. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 20241 u 20464 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid meta se tibda tiġi mnaddfa l-muntanja ta' terrapien li ffurmat fiż-żona tal-Wied ta' Santa Katerina, fir-Rabat, fejn hemm il-barriera?

11/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 259
07/10/2024

**GĦAWDEX - LIBRERIJA NAZZJONALI**

**20779. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20616 u ċjoè: Fid-dawl tal-problemi li hemm fil-Librerija Nazzjonali ta' Għawdex (fir-Rabat), jista' l-Ministru jgħid:

i. Kemm ilu ma jkun hemm kotba ġodda f'din il-librerija?
ii. Kemm hemm kotba li kienu akkwistati għal Librerija Nazzjonali ta' Għawdex imma għadhom Malta għax m'hemmx spazju?
iii. X'inhuma l-pjanijiet tal-Ministeru biex Għawdex ikollu Librerija Nazzjonali xierqa?

11/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li kull sena jinħadmu madwar 4,000 materjal Melitensia anke b'mod retrospettiv. Dan il-materjal jittella Għawdex biex ikunu jistgħu jinqdew r-riċerkaturi li jżuru l-Librerija Nazzjonali t'Għawdex. Tajjeb insemmu ukoll li ħafna mill-materjal Melitensia li jkun ġie ppubblikat jinsab ukoll fil-Librerija Pubblika Ċentrali u dan ikun għad-dispożizzjoni tal-klijenti ta' Malta Libraries fi żmien qasir. Dan għaliex dan il-materjal jinħadem f'Għawdex stess.

Ta' min isemmi ukoll li permezz tal-preżenza tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Bibljografija f'Għawdex, qed isir proġett ieħor, dak fejn kull informazzjoni bibjografika fil-katalgu jkolla stampa tal-qoxra tal-ktieb, gażżetta jew perjodiku. Dan ix-xogħol għadu għaddej peress li hu proċess kontinwu li jimxi pari passu ma l-ikkatalogar. S'issa tlestew 17,000 qoxra li jidru fil-katalgu għall-benefiċċju tal-pubbliku.

Simili għal-Librerija Nazzjonali ta' Malta, l-Librerija t'Għawdex takwista kważi l-materjal kollu tagħha bis-saħħa tal-Liġi tad-Depositu Legali. Fis-sena jkun hemm madwar 1,150 materjal li jiġi ddepositat. Huwa minħabba li minħabba raġuni ta' spazju u raġunijiet loġistiċi hemm madwar 4000 ktieb/ġurnali li għadhom Malta.

Madanakollu l-ħidma fil-Librerija Nazzjonali kif ukoll fil-Librerija Pubblika Ċentrali ma tieqafx u kull sena jagħmlu użu minnhom numru kbir ta' riċerkaturi.

Seduta 259
07/10/2024

**SKART PIROTEKNIKU – RIMI**

**20787. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhi l-policy jew il-prassi relatata ma' rimi ta' skart pirotekniku?

11/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20788. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'liema grad/skala kienu dawn il-ħaddiema u f'liema grad/skala tpoġġew?

11/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinħarġu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20789. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema fil-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'liema grad/skala kienu dawn il-ħaddiema u f'liema grad/skala tpoġġew?

11/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinhargu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - PROMOZZJONIJIET/ŻIDIET FL-ISKALI TAL-ĦADDIEMA**

**20790. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il promozzjoni jew żieda fi skala ngħatat lill-ħaddiema fil-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'liema grad/skala kienu dawn il-ħaddiema u f'liema grad/skala tpoġġew?

11/07/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-promozzjonijiet li jingħataw u anke l-career progressions, huma kollha skont dak miktub fis-sectoral agreements, u anke l-collective agreements applikabbli. Is-sejħiet huma dawk standard li jinħarġu kif approvati ċentralment u jirriflettu l-ftehim rispettivi.

Seduta 259
07/10/2024

**BLUE STICKER - COLITIS U SLIP DISC**

**20824. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk persuni li għandhom il-Colitis u s-Slip Disc humiex eleġibbli għal Blue Sticker?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-Blue Badge huma regolati mill-*Artiklu 13 tal-Att 560 ta' 2017 – Att biex jipprovdi għal Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità*. Għaldaqstant, l-eligibbiltà tal-applikanti tal-Blue Badge tiġi evalwata skont iċ-ċertifikat mediku provdut mill-applikanti mal-applikazzjoni li jissottomettu flimkien mal-assessjar mediku li jsir lill-applikanti. Dan isir skont il-lista ta' kriterji ta' eliġibbiltà tal-Att imsemmi, li ma jelenkawx kundizzjonijiet mediċi partikolari per se. Kif hemm indikat anke fuq il-formola ta' applikazzjoni, jekk waqt l-evalwazzjoni jirriżulta li ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni medika fuq il-bżonnijiet jew in-nuqqasijiet li għandu l-individwu, jista' wkoll jiġi mitlub li jippreżenta iktar informazzjoni medika.

Seduta 259
07/10/2024

**BLUE BADGE – PARKEĠĠI PERSONALIZZATI**

**20825. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni f'Malta u f'Għawdex li bħalissa huma eleġibbli biex jużaw il-Blue Badge personalizzata li titpoġġa fil-vetturi tagħhom biex ikunu jistgħu jipparkjaw f'parkeġġi riservati għalihom?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-data ta' kumpilazzjoni ta' din it-tweġiba, 14,186 persuna f'Malta u f'Għawdex huma detenituri ta' dokument tal-Blue Badge. Dan id-dokument joħroġ biss fuq il-persuna li tkun eliġibbli għaliha u għalhekk dejjem hu dokument personalizzat. Dawk li għandhom dokument tal-Blue Badge validu jistgħu jipparkjaw f'parkeġġi komunali riservati għal persuni b'diżabilità.

Seduta 259
07/10/2024

**BLUE BADGE - PERSUNI ELEĠIBBLI**

**20826. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid fuq liema kriterja jew kundizzjoni ta' mard jew sitwazzjoni/ċirkostanza oħra, persuni jibbenefikaw minn blue badge minħabba l-kundizzjoni tagħhom?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20824.

Seduta 259
07/10/2024

**BLUE BADGE - BORD**

**20827. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid minn min hu ffurmat il-bord li jeżamina min hu intitolat għall-Blue Badge u min mhuwiex?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-eżamijiet mediċi lill-applikanti tal-Blue Badge jsiru minn tobba ingaġġati f'dan ir-rwol wara sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal dan is-servizz.

Seduta 259
07/10/2024

**BLUE BADGE -DEĊIŻJONIJIET**

**20828. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema deċiżjonijiet ġodda ttieħdu jew inbidlu matul dawn l-aħħar 15-il xahar dwar id-dritt ta' Blue Badge li titpoġġa fuq il-vettura?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Blue Badge hija regolati mill-*Artiklu 13 tal-Att 560 ta' 2017 –Att biex jipprovdi għal Konċessjonijiet ta' Parkeġġjar għal Persuni b'Diżabilità*. F'dawn l-aħħar xhur, ma kienx hemm aġġornamenti fuq din il-liġi, u għaldaqstant, ma ttieħdu jew inbidlu ebda deċiżjonijiet dwar id-drittijiet relatati mal-Blue Badge.

Seduta 259
07/10/2024

**UFFIĊJALI PUBBLIĊI TAĦT AKKUŻA KRIMINALI LI MA ĠEWX SOSPIŻI MIX-XOGĦOL**

**20830. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jelenka kemm hemm uffiċjali pubbliċi taħt kull Ministeru li huma taħt akkuża kriminali u li ma ġewx sospiżi mix-xogħol? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-uffiċjali ġew innominati biex ikunu membri f xi bord ta' għażla, matul il-perodju fejn l-akkuża kriminali kienet għadha effettiva?

15/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat illi bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju 2024, kien hemm 54 uffiċjal pubbliku li kellhom proċeduri kriminali għaddejjin kontrihom u li ma ġewx sospiżi mill-eżerċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom għal skopijiet ta' prekawzjoni. Minn dawn il-54 uffiċjal, tlieta ġew maħtura fuq Bord ta' Selezzjoni.

Seduta 259
07/10/2024

**SUSTAINABLE URBAN DEVELOPMENT FUND - PJANIJIET U PROPOSTI**

**20831. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanijiet u l-proposti magħżula li se jiġu proposti għall-kofinanzjament mis-Sustainable Urban Development Fund?

15/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi preżentement għaddejjin ix-xogħolijiet fuq l-proposti li se jkunu mressqa għall-konsiderazzjoni tal-kofinanzjament mis-Sustainable Urban Development Fund u l-pjanijiet rispettivi tagħhom. Dan ix-xogħol għandu jitlesta fil-gimgħat li ġejjin.

Seduta 259
07/10/2024

**SUSTAINABLE URBAN DEVELOPMENT FUND**

**20832. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk infetħetx is-sejħa għall-proposti għas-Sustainable Urban Development Fund? Jekk iva, jista' jgħid meta hi d-deadline għal din is-sejħa?

15/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li nħarġet sejħa f'Ġunju, fejn il-Managing Authority (MA) infurmat formalment lill-MGP bit-tnedija tas-Sejħa 21 taħt il-Programm ERDF/CF/JTF. Is-sejħa hija ristretta għall-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u tiffoka speċifikament fuq żewġ interventi: (i) *improving the environment and a shifting towards a climate neutral economy* u (ii) *protecting and promoting Gozo's characteristics and fostering Gozo's socio-economic fabric*. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposta tagħlaq fit-8 ta' Novembru 2024.

Seduta 259
07/10/2024

**FTEHIM SETTORJALI**

**20833. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ftehim Settorjali ffirmat nhar il-15 ta' Lulju 2024?

15/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni hi meqjusa bħala kummerċjalment sensittiva, b'hekk tali dokument ma jistax jiġi ppublikat.

Seduta 259
07/10/2024

**SWATAR, BIRKIRKARA - TRIQ TAL-QATTUS U TRIQ GROSSETO - TRAFFIC MANAGEMENT ASSESSMENT**

**20834. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx traffic management assessment għas-Swatar, Birkirkara (in-naħa ta' Triq tal-Qattus u Triq Grosseto) f'dawn l-aħħar sentejn, u jekk iva, jista' jqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra? Jekk ma sarx, jista' jgħid jekk hux se jsir u jekk hemmx diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali dwar l-immaniġġjar aħjar tat-traffiku fl-akkwati?

15/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma kellha l-ebda talba għal traffic management assessment jew għal diskussjonijiet dwar immaniġġjar aħjar taż-żona msemmija mingħand il-Kunsill Lokali.

Seduta 259
07/10/2024

**MFHEA U MQRIC**

**20844. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla ta' Malta (MFHEA) qattx kellha lmenti formali dwar il-fatt li l-bord taċ-Ċentru ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) ma kienx qed jitlaqqa' matul is-sena 2024? Jista' jgħid ukoll jekk l-Awtorità għamlitx pressjoni (evidenti u allura bil-miktub) fuq il-Ministeru biex dan jibda jiffunzjona ladarba huwa dritt legali?

16/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jekk qed jirreferi għall-bord tal-Appelli, dan il-bord qed jiffunzjona.

Seduta 259
07/10/2024

**MFHEA – RENDIKONT FINANZJARJU**

**20845. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont finanzjarju dettaljat tal-Awtorità tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla ta' Malta (MFHEA) ladarba huwa dokumentat li l-Awtorità se jkollha żieda fid-defiċit tagħha sal-2027? Jista' jgħid ukoll x'passi qed jittieħdu biex l-Awtorità jkollha biżżejjed finanzjament biex topera?

16/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul dawn l-aħħar snin il-Gvern żied l-allokazzjoni finanzjarja għall-entità msemijja b'mod kontinwu, sabiex jassisti fejn ikun hemm bżonn.

Seduta 259
07/10/2024

**MFHEA – MEMBRI**

**20846. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-bord tal-Awtorità tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla ta' Malta (MFHEA), meta ġew appuntati u xi ħlas (jew perkaċċi jew remunerazzjoni) għandhom? Jista' jagħti wkoll it-terminu li għandhom fil-karigi rispettivi?

16/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista tal-membri tal-bord imsemmi ġiet ippublikata nhar it-22 ta' Marzu ta' din is-sena fuq il-Gazzetta tal-Gvern, u li din qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-membri, din tingħata skont il-Manwal tal-kategorizzazzjoni, klassifikazzjoni u r-remunerazzjoni tal-bord u l-kumitati maħtura mill-Gvern.

Seduta 259
07/10/2024

**MFHEA – LAQGĦAT**

**20847. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-bord tal-Awtorità tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla ta’ Malta (MFHEA) matul dawn l-aħħar 12-il xahar? Jista’ jgħid min kien preżenti u minn x'ħin sa x'ħin kienet kull laqgħa li ttellgħet?

16/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul Lulju tas-sena 2023 u Lulju tas-sena 2024, il-bord imsemmi ntaqgħa 11-il darba. Preżenti għal dawn il-laqgħat kien ikun hemm il-membri tal-bord u kif ukoll CEO tal-MFHEA u fejn ikun neċessarju impjegati mill-istess entità.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI - BORD RESPONSABBLI BIEX JAWTENTIKAW IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTAFF**

**20870. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20808, jista’ l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord responsabbli biex jawtentikaw iċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ngaġġati mal-Isptar Mater Dei?

19/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà weġibt qabel, infurmat li kull min jersaq biex jiġi impjegat mas-Servizz Pubbliku, il-Bord tal-Għażla għandu fost l-oħrajn ir-responsabilità li jawtentika ċ-ċertifikati kollha li jkollu l-applikant.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR KARIN GRECH - BORD RESPONSABBLI BIEX JAWTENTIKAW IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTAFF**

**20871. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20809, jista’ l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord responsabbli biex jawtentikaw iċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ngaġġati mal-Isptar Karin Grech?

19/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20870.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR ĠENERALI TA’ GĦAWDEX - BORD RESPONSABBLI BIEX JAWTENTIKAW IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTAFF**

**20872. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20810, jista’ l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord responsabbli biex jawtentikaw iċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ngaġġati mal-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex?

19/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20870.

Seduta 259
07/10/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL - BORD RESPONSABBLI BIEX JAWTENTIKAW IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTAFF**

**20873. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20811, jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord responsabbli biex jawtentikaw iċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ngaġġati mal-Faċilità San Vincenz de Paul?

19/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20870.

Seduta 259
07/10/2024

**BEREĠ TAS-SAĦĦA - BORD RESPONSABBLI BIEX JAWTENTIKAW IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTAFF**

**20874. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20812, jista' l-Ministru jgħid min huma l-persuni fuq il-bord responsabbli biex jawtentikaw iċ-ċertifikati tan-nurses, carers u kwalunkwe staff ieħor li huma ngaġġati mad-diversi Bereġ tas-Saħħa (polyclinics) f'Malta u Għawdex?

19/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20870.

Seduta 259
07/10/2024

**ORGANIZZAZZJONI VOLONTARJA - OBBLIGAZZJONI FINANZJARJA**

**20875. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 20499 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u tgħid kemm tammonta l-obbligazzjoni finanzjarja tal-Gvern lejn l-organizzazzjoni volontarja li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

19/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika meta qed jirreferi għall-"obbligazzjoni finanzjarja tal-Gvern lejn l-organizzazzjoni volontarja".

Seduta 259
07/10/2024

**ĊERTIFIKAT - UNLEADED PETROL**

**20902. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa l-perċentwal ta' ethanol fil-petrol unleaded fuq is-suq lokali u tipproduċi kopja taċ-ċertifikat ta' kwalità għall-petrol unleaded importat lejn Malta?

22/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli timponi obbligi speċifiċi ta' sostenibbiltà fuq is-settur tat-trasport. Kull Stat Membru huwa meħtieġ jirrapporta l-proporzjon ta' enerġija bijokarburanta sostenibbli bħala persentaġġ tal-kontenut totali tal-enerġija tal-fjuwils użati fit-trasport.

Fl-2023, il-kontribuzzjoni ta' Enemed għall-fjuwils rinnovabbli fis-settur tat-trasport inkludiet:
- Minimu ta' 11% ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali totali tal-enerġija, b'tal-inqas 0.2% derivat minn bijokarburanti avvanzati.
- Tnaqqis ta' tal-inqas 6% fl-intensità tal-gassijiet serra.

Qed inpoġġi dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**FTEHIM SETTORJALI**

**20938. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fid-dawl tal-ftehim settorjali ġdid tal-għalliema, li ġie mħabbar li hu retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk dan japplikax ukoll għall-għalliema li kienu jgħallmu sal-aħħar ta' Diċembru 2023? Jekk iva, jista' jgħid kif ser jitħallsu l-arretrati tagħhom u fejn hemm ħtieġa, hux se ssir korrezzjoni tal-pensjoni tagħhom?

30/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk il ħaddiema li rtiraw jew irreżenjaw se jkunu qed jibbenefikaw mill-1 ta' Jannar 2023 sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħhom. Dawn se jieħdu l-arretrati f'Diċembru. Il-pensjoni tkun tista tiġi rranġata min naħa tal-uffiċju tal-pensjonijiet peress li ma tinħadimx min dan il-Ministeru.

Seduta 259
07/10/2024

**AĠENZIJA PROJECT GREEN - GĦOTI TA' SAHRA**

**20948. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 14153 u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni dettaljata dwar kemm kien hemm impjegati li bbenefikaw mill-għoti tas-sahra mill-aġenzija Project Green, maqsuma xahar b'xahar, minn Frar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ ĦAL TARXIEN - PEDESTRIAN CROSSING**

**20949. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li l-pedestrian crossing li sar fil-bidu ta' Triq Ħal Tarxien, f'Raħal Ġdid, ikun aċċessibbli hekk kif hemm bankina għolja biex wieħed jinżel għalih? Jista' wkoll jara li dan ikun imdawwal b'mod adekwat?

05/08/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għandha xogħlijiet skedati biex il-crossing li sar fil-bidu ta' Triq Ħal Tarxien ikun aċċessibbli. Il-ħidma mistennija tkun konkluża sal-aħħar tax-xahar.

Seduta 259
07/10/2024

**POMPI TAL-PETROL - BEJGĦ TA' FJUWIL**

**20990. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru totali ta' pompi tal-petrol li bħalissa qed joperaw u jipprovdu bejgħ ta' fjuwil f'Malta?

14/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Mill-informazzjoni mogħtija lili mir-REWS, bħala regolatur tal-enerġija u l-ilma, u mill-ERA bħala regolatur tal-ambjent, jirriżulta li b'kollox, madwar Malta u Għawdex, hawn 76 pompa li jfornixxu fjuwil lill-konsumaturi inġenerali. Minn dawn hemm 57 li għandhom liċenzja kurrenti, filwaqt li 19 li qegħdin fil-proċess li jkollhom il-liċenzja mġedda wara li jagħmlu x-xogħlijiet ta' rinnovament meħtieġa. Mis-57 li għandhom liċenzja kurrenti, 48 għamlu r-rinnovament meħtieġ, wieħed għaddej bix-xogħlijiet, 4 ingħataw clearance mir-REWS fuq ix-xogħlijiet meħtieġa, filwaqt li 4 oħra għadhom fil-proċess li jissottomettu l-pjan tagħhom lir-REWS. Mid-19 li jrid ikollhom il-liċenzja mġedda hemm 3 li għaddejjin bix-xogħlijiet, 9 li ngħataw clearance mir-REWS fuq ix-xogħlijiet meħtieġa, filwaqt li 7 oħra għadhom fil-proċess li jissottomettu l-pjan tagħhom lir-REWS.
Infurmata wkoll li r-REWS għandha proċess biex min għadu ma ssottomettiex il-pjanijiet jagħmel dan mingħajr dewmien, biex imbagħad jingħata perjodu raġonevoli ħalli jwettaq ix-xogħlijiet meħtieġa. Skont ir-REWS iċ-ċirkostanzi tas-suq, speċjalment l-ammont żgħir ta' operaturi fis-settur mhux dejjem jagħmilha faċli li jkun hemm ħeffa fl-implimentazzjoni fosthom minħabba t-tul ta' żmien meħtieġ biex jinġieb l-apparat u biex jinstabu kuntratturi li jinstallaw f'qasir żmien.
Sadanittant, min-naħa tal-ERA kien deċiż li tintuża l-prassi li fejn ix-xogħlijiet ikunu saru skont kif permess mir-REWS din toħroġ il-permess ambjentali hekk kif l-operatur japplika u jissottometti d-dokumenti meħtieġa. Min-naħa tal-ERA, mis-76 operatur inkwistjoni, hemm 34 li nħarġilhom permess ambjentali (li 11 minnhom għandhom bżonn tiġdid), 25 li għandhom applikazzjoni li għadha qed tiġi proċessata u 17 li għadhom m'għamlux applikazzjoni. L-ERA wkoll għandha proċess b'mod parallel mar-REWS biex il-każijiet kollha jkunu regolarizzati filwaqt li wieħed jieħu inkonjizzjoni r-realtijiet li semmejt qabel.

Seduta 259
07/10/2024

**POMPI TAL-PETROL - XOGĦOL TA' RINNOVAZZJONI**

**20991. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru totali ta' pompi tal-petrol li sar xogħol ta' rinnovazzjoni fuqhom bejn Jannar 2018 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

14/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20990.

Seduta 259
07/10/2024

**REWS - POMPI TAL-PETROL LIĊENZJATI**

**20992. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru totali ta' pompi tal-petrol liċenzjati biex joperaw mill-Awtorità responsabbli (REWS)?

14/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20990.

Seduta 259
07/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IMPJEGATI U/JEW KONSULENTI LI HUMA F'KUNSILL LOKALI**

**20993. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-impjegati u/jew konsulenti fis-Segretarjat Ministerjali tiegħu jew ta' kwalunkwe Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li huma Kunsilliera Lokali, Viċi Sindki jew Sindki? Jista' f'kull każ jgħid x'inhu l-impjieg u r-rwol tagħhom, x'kuntratt għandhom, u x'inhu s-salarju u l-perkaċċi marbutin miegħu?

14/08/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li huma ħamsa l-persuni fis- Segretarjati tal-Prim Ministru u tas-Segretarji Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li huma parti minn xi Kunsill Lokali.

Seduta 259
07/10/2024

**PROVVISTA TAL-ELETTRIKU - TISĦIĦ TAS-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI – KAMPANJA TA' REKLAMAR**

**21078. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm swiet il-kampanja li saret wara s-sajf tal-2023 sabiex ikun irreklamat it-tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'pajjiżna, u tagħti breakdown tan-nefqa b'mod li tkun tinkludi kull forma ta' reklamar, bħal ads u reklami online, reklami f'pubblikazzjonijiet u gazzetti, reklami fuq it-televiżjoni u attivitajiet ta' promozzjoni fost oħrajn?

20/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Bħala parti mill-pjan biex tkompli ssaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku madwar il-pajjiż, fl-aħħar xhur Enemalta poġġiet 82 kilometru ta' cables ġodda taħt l-art kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan ix-xogħol kompla jżid ir-reżiljenza u l-flessibbiltà fin-network tagħha. Matul din is-sena biss, ġew ikkummissjonati wkoll 43 substation ġdida, tkabbret il-kapaċità ta' 39 substation oħra u saru 23 switchgear replacements. Għaddejja ħidma sħiħa biex dan ir-rinfunzar fis-sistema tad-distribuzzjoni jissokta billi jkompli jiġi attwat l-pjan ta' 6 snin li għandha Enemalta. Qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**PROVVISTA TAL-ELETTRIKU – CABLES**

**21079. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-datasheets li jkunu jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet relevanti tal-cables li l-Enemalta preżentament qiegħda tinstalla biex tissupplixxi l-provvista tal-elettriku (400/230V) mis-secondary substations lill-konsumaturi?

20/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-ispeċifikazzjonijiet tal-cables mitluba skont kif ikunu pubblikati fit-tenders tax-xiri tal-istess cables.

Seduta 259
07/10/2024

**POMPI TAL-PETROL**

**21080. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa n-numru totali ta' pompi tal-petrol li qed joperaw bħalissa f'Malta u tispeċifika kemm minn dawn għandhom permess ambjentali validu?

20/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20990.

Seduta 259
07/10/2024

**PROĠETT TAL-INĊINERATUR TAL-ISKART FIL-MAGĦTAB - ĦATRA TAL-MEMBRI F'BORDIJIET**

**21081. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kinitx hi l-Ministru responsabbli mill-ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u/jew il-ħatra tal-membri tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi inkonnessjoni mat-tender għall-proġett tal-inċineratur tal-iskart fil-Magħtab?

20/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħatriet li qed tirreferi għalihom isiru skont il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03).

Seduta 259
07/10/2024

**PROĠETT TAL-INĊINERATUR TAL-ISKART FIL-MAGĦTAB - ĦATRA TAL-MEMBRI F'BORDIJIET**

**21082. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hu l-Ministru responsabbli mill-ħatra tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u/jew il-ħatra tal-membri tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi inkonnessjoni mat-tender għall-proġett tal-inċineratur tal-iskart fil-Magħtab?

20/08/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħatriet li qed tirreferi għalihom isiru skont il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03).

Seduta 259
07/10/2024

**MRVP - DONAZZJONIJIET**

**21084. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista sħiħa tad-donazzjonijiet li ngħataw minn applikanti tal-Malta Residence & Visa Program (MRVP) flimkien mal-isem tar-riċevitur tal-imsemmija donazzjoni, għall-2023 u l-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li d-donazzjonijiet mogħtija mill-applikanti tal-MRVP (Malta Residence and Visa Programme) mill-ewwel ta' Jannar 2023 sal-aħħar ta' Settembru 2024 skont ir-rekords ta' Residenza Malta qiegħed jitpoġġa fuq il-mejda tal-kamra. L-għażla tal-għaqda non-governattiva ssir mill-applikant u tkun eliġibbli diment li l-għaqda tkun reġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Residenza Malta tiġi involuta biss biex tapprova l-għażla tal-applikant f'każ li l-applikant ikollu x-xewqa li jagħti d-donazzjoni lil organizzazzjoni oħra mhux reġistrata bħala Għaqda Volontarja (NGO) bħal; Malta Community Chest Fund (MCCF) jew RIDT (Research, Innovation and Development Trust).

Seduta 259
07/10/2024

**STABBILIMENTI TAL-CATERING - LIĊENZJI**

**21127. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm liċenzji ta' stabbilimenti tal-catering fl-2022, fl-2023 u fl-2024, maqsuma sena b'sena?

02/09/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**AIMS - GĦAQDIET REĠISTRATI**

**21144. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' għaqdiet, eċċ. li huma aċċettati u reġistrati mal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta (AIMS) sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20665.

Seduta 259
07/10/2024

**CHARGING STATIONS**

**21145. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ser ikunu ġew installati charging stations ġodda mill-bidu sal-aħħar ta' din is-sena 2024? Tista' wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra programm bil-milestones ta' kemm ser jiġu installati charging stations sal-aħħar tas-sena 2030?

03/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Dan il-proġett ġie fdat lill-Aġenzija għall-Eenerġija u l-Ilma (EWA). Il-qofol tax-xogħol li sar din is-sena kien jinvolvi l-preparamenti tekniċi għal 600 charging pillarġdid, biex jipprovdu 1,200 charging point ġdid.
Dan ix-xogħol kien jirrikjedi diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali, Enemalta u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fost oħrajn, fejn ġew identifikati aktar minn 1,000 sit li setgħu jiġu kkunsidrati biex fihom isiru charging pillars. Minn dawn intgħażlu s-600 sit meħtieġa għal dan il-proġett u sussegwentement, malli tlesta d-disinn tekniku għal kull sit, saret ukoll l-appllikazzjoni għall-approvazzjoni minn Transport Malta.
Diversi applikazzjonijiet sottomessi lil Transport Malta diġà ġew approvati. Inħarġet ukoll sejħa għall-offerti li tinsab fl-aħħar stadju tal-evalwazzzjoni biex jibda x-xogħol infrastrutturali fuq l-ewwel charging pillars ġodda. Sadattant, fil-ġimgħat li ġejjin mistenni li tiġi ppubblikata sejħa oħra għal aktar siti fejn se jsiru charging pillars oħrajn ġodda. Qed titħejja wkoll it-tielet sejħa li se tkun tinkdludi partikolarment ammont ta’ charging pillars ġodda li se jsiru f’Għawdex. Tlesta wkoll ix-xogħol preparatorju sabiex fil-ġimgħat li ġejjin jibdew jinħarġu anke s-sejħiet għall-offerti għall-installazzjoni taċ-charging pillars.
B’dan il-proġett sal-aħħar tas-sena d-dieħla n-numru ta’ charging pillars madwar Malta u Għawdex se jilħaq total ta’ 786, għal total ta’ 1,572 charging point. Il-Gvern kommess li sal-2030 jkun hawn total ta’ 6,500 charging point kif tistipula l-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp b’livell baxx ta’ karbonju (LCDS).

Seduta 259
07/10/2024

**L-IMSIDA - SKOLA - CARBON NEUTRAL**

**21179. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-istqarrija tal-Ministeru għall-Edukazzjoni maħruġa fil-5 ta' April 2024, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kalkoli li saru li permezz tagħhom ġie kkonfermat li l-Iskola tal-Imsida hija carbon neutral?

06/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokumenti neċessarji li permezz tagħhom ġie kkonfermat li l-Iskola msemmija hija carbon neutral, qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**KAROZZI ELETTRIĊI**

**21235. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Fid-dawl tal-fatt li pajjiżna għadu 'l bogħod milli jilħaq il-miri tiegħu ta' karozzi elettriċi, jista' l-Ministru jikkonferma jekk l-għotja għall-karozzi elettriċi hijiex se tibqa' fis-seħħ għas-sena 2025 u jekk iva, hijiex se tibqa' bl-istess ammont?

16/09/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-diskussjonijiet dwar il-Baġit għas-sena 2025 għadhom għaddejin.

Seduta 259
07/10/2024

**IX-XEMXIJA - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI**

**21305. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-water culvert li għadu kif ġie installat bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xemxija promenade li jaqsam it-triq ta' Xemxija Hill tnaddafx peress li kien misdud? Jista' jgħid wkoll li dan il-culvert li jaqsam it-triq mill-għelieqi issa jinsab fi stat tajjeb?

19/09/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

**IX-XEMXIJA - PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI**

**21306. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-water culvert li għadu kif ġie installat bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xemxija promenade li jaqsam it-triq ta' Xemxija Hill tnaddafx peress li kien misdud? Jista' jgħid wkoll li dan il-culvert li jaqsam it-triq mill-għelieqi issa jinsab fi stat tajjeb?

19/09/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tindif ta' din is-sistema kienet fil-pjan ta' tindif li għaddej bħalissa u dan il-water culvert mistenni li jiġi mnaddaf fil-jiem li ġejjin.

Seduta 259
07/10/2024

**PROJECTS GOZO**

**21313. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jispjega x'ser ikun l-irwol ta' Projects Gozo?

20/09/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-istqarrija għall-istampa numru PR241492 maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Kopja tal-istqarrija qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**IS-SIĠĠIEWI - TRIQ IS-SIĠĠIEWI - PROBLEMA TAŻ-ŻBROFF TAD-DRENAĠĠ**

**21317. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma beħsiebha tirranġa l-problema taż-żbroff tad-drenaġġ hekk kif toħroġ mis-Siġġiewi fi Triq is-Siġġiewi?

23/09/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-aħħar xhur il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma reċeviet l-ebda rapport dwar żbroff ta' drenaġġ fl-akkwati indikati u minn spezzjoni li għamlet wara li saret din il-mistoqsija parlamentari lanqas ma ġew identifikati diffikultajiet fis-sistema tad-drenaġġ tal-Korporazzjoni. Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 8007 6400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku **www.wsc.com.mt**

Seduta 259
07/10/2024

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – KUNDIZZJONIJIET TA' SAĦĦA MENTALI LI JIKKWALIFIKAW**

**21323. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid liema kundizzjonijiet ta' saħħa mentali huma mniżżla fil-lista tal- kundizzjonijiet li għalihom jistgħu jingħataw benefiċċji soċjali?

23/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) jipprovdi għal diversi ċirkustanzi ta' saħħa mentali fir-rigward ta' benefiċċji.

Artikolu 20 jipprovdi ħlas tal-Għajnuna għal Mard, meta persuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' test tal-mezzi skont il-proviżjonijiet tat-Tieni Skeda tal-istess Att fir-rigward ta' meta persuna tkun tbati minn skiżofrenija, bi-polar disorder u dipressjoni bi psikosi. Barra minn hekk dan l-istess Artikolu jirreferi għal kundizzjonijiet varji li jinsabu f'Taqsima I tal-Ħames Skeda.

Artikolu 23 jipprovdi intitolament għall-Għajnuna Medika bla Ħlas fuq diversi kundizzjonijiet li jinsabu f'Taqsima II tal-Ħames Skeda u jekk il-persuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' test tal-mezzi skont il-proviżjonijiet tat-Taqsima III tat-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Artikolu 26 jipprovdi intitolament għall-persuni li saħħithom tkun irrendiethom inkapaċi għal kwalunkwe tip ta' xogħol u jekk il-bord mediku maħtur taħt l-Artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) jiddeċiedi li l-persuna tissodisfa t-Tabelli tal-Indeboliment skont il-leġiżlazzjoni sussidjarja 318.21 tal-istess Att.

Barra minn hekk, permezz tar-riforma introdotta fil-Budget 2024, persuna li tbati minn kundizzjonijiet li jistgħu jinkludu wkoll saħħa mentali, tista' tapplika għal assistenzi għal diżabilità jekk tali kundizzjoni tkun qed tikkawżalha problemi ta' funzjonalità, u dan wara li ġie introdott l-Artikolu 106 (g) fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) sabiex ġie mwaqqaf bord inter-professjonali u l-istess bord ikun jista' jevalwa l-applikazzjoni skont standards internazzjonali tal-World Health Organisation u magħruf bħala ICF.

Seduta 259
07/10/2024

**KAŻIJIET TA' SUWIĊIDJI**

**21324. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il suwiċidju ġie rrappurtat f'Malta u Għawdex xahar b'xahar matul din is-sena sakemm titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

23/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li bejn Jannar u l-aħħar ta' Settembru tas-sena 2024, in-numru ta każijiet ta' suwiċidji li ġew rrappurtati f'Malta u Għawdex mal-Pulizija, xahar b'xahar, kienu kif jidher fit-tabella t'hawn taħt :

| **Każijiet ta' suwiċidji Jannar sa Settembru 2024** | |
|---|---|
| **Xahar** | |
| Jannar | 2 |
| Frar | 2 |
| Marzu | 1 |
| April | 4 |
| Mejju | 3 |
| Ġunju | 1 |
| Lulju | 4 |
| Awwissu | 1 |
| Settembru | 3 |
| **Total** | **21** |

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI – EMERĠENZA – INFERMIERA, TOBBA U SPEĊJALISTI TAL-MEDIĊINA EMERĠENZA**

**21325. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Minsitru jgħid kemm hemm preżentament infermiera, tobba u speċjalisti tal-mediċina emerġenza (separatament) li jaħdmu fl-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei? Jista' jgħid kemm kien hemm f'Jannar u f'Ġunju ta' kull sena mill-2021 sal-2024 separatament?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**TENDER GĦAD-DAR TAL-ANZJANI TA' BORMLA - OFFERTI**

**21374. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tender CT2369/2023 (Tender to demolish, design, build, maintain, upkeep and the management and operations of Cospicua Care Home for Older Persons including high energy and environmental performance standards), jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm offerenti? Jista' jagħti dettalji ta' min kienu dawn l-offerenti u x'kien il-valur f'kull offerta li saret?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li l-informazzjoni mitluba hija fid-dominju pubbliku.
Kien hemm 4 offerti. L-offerenti u l-valur ta' kull offerta huma kif ġej:

| **Offerent** | **Valur** |
|---|---|
| Golden Ventures | €101,612,550 |
| Carerise Ltd | €97,997,305.50 |
| CareMalta Ltd | €86,469,285 |
| Carewise Joint Venture | €78,820,950 |

Seduta 259
07/10/2024

**TENDER GĦAD-DAR TAL-ANZJANI TA' BORMLA - PROĠETT**

**21375. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tender CT2369/2023 (Tender to demolish, design, build, maintain, upkeep and the management and operations of Cospicua Care Home for Older Persons including high energy and environmental performance standards), jista' l-Ministru jgħid fiex wasal dan il-proċess u meta se jkun qed jinbeda l-proġett?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li t-tender imsemmi qiegħed fil-fażi ta' evalwazzjoni. Il-proġett jibda meta jiġi ffirmat il-kuntratt mill-kuntrattur li jkun rebaħ it-tender u l-awtorità kontraenti, bħal ma hemm indikat fid-dokument tat-tender li jinsab fid-dominju pubbliku.

Seduta 259
07/10/2024

**KUNTRATTUR LI JIPPROVDI L-PRODOTTI TA' KONTINENZA**

**21376. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu l-kuntrattur li qed jipprovdi l-prodotti ta' kontinenza? Jista' jpoġġi kopja tal-kuntratt fuq il-Mejda tal-Kamra?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, lil-kuntrattur li qed jipprovdi l-prodotti ta' kontinenza huwa Drugsales Ltd. Dan il-ftehim jikkonsisti f'informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva, għaldaqstant ma jistax jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 259
07/10/2024

**ANZJANI – NAPPIES/PULL-UPS**

**21377. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-massimu ta' nappies/pull-ups li l-anzjani huma intitolati għalihom? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex qed jikkunsidra li jżid dan il-massimu fil-futur qarib?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li min naħa tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, l-ħrieqi/pullups jingħataw skond il-ħtieġa tal-individwu wara assessjar minn infermiera speċjalizzati f'dan il-qasam, filwaqt li ġewwa San Vinċenz de Paul, ma hemm ebda massimu ta' ħrieqi ('*capping'*) li anzjani huma intitolati għalihom. L-anzjani jibdlulom il-ħrieqi skont il-bżonnijiet tagħhom.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL - PROĠETT**

**21378. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti aktar dettalji dwar il-pjanijiet li għandu sabiex l-Isptar Mount Carmel jiġi konvertit f'San Vincenz de Paul ieħor? Jista' jgħid x'se jkun jikkomprendi l-isptar il-ġdid, x'servizzi se jkunu qed jingħataw lill-anzjani u meta ser jibdew ix-xogħlijiet biex isir dan it-tibdil?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-ħin propizju nagħtu d-dettalji kollha.

Seduta 259
07/10/2024

**SPTAR MATER DEI – LISTA TA' STENNIJA GĦAL POST F'RESIDENZA TAL-ANZJANI**

**21379. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pazjenti fl-Isptar Mater Dei li qed jistennew li jidħlu f'dar tal-anzjani? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-pazjenti ilhom:
a. anqas minn xahrejn jistennew;
b. aktar minn xahrejn jistennew;
c. aktar minn sitt xhur jistennew; u
d. aktar minn sena jistennew?

23/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li riżultat ta' numru ta' inizjattivi wasslu għal tnaqqis rekord ta' sodod imblukkati fl-Isptar Mater Dei. Bħalissa hemm 29 pazjent fl-Isptar Mater Dei li qed jistennew li jidħlu f'dar tal-anzjani. Pazjenta waħda ilha aktar minn xahrejn. Ebda pazzjent ma ilu jistenna aktar minn sitt xhur jew aktar minn sena.

Seduta 259
07/10/2024

**XJENZA MALTA - SPEJJEŻ**

**21382. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista li tinkludi l-ispiża kollha magħmula mill-aġenzija Xjenza Malta f'reklamar (online, billboards, gazzetti, magazines, etc) li sar marbut mat-twaqqif tagħha li jkopri l-perjodu minn tliet xhur qabel twaqqfet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda, u jinkludi fejn sar dan ir-reklamar bid-dati rispettivi?

24/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' spiża kienet ta' €48,477.39. Infurmat li dan huwa l-istess total li jintefaq matul is-snin bħala marketing u promozzjoni mill-budget tal-entità msemmija.

Seduta 259
07/10/2024

**DIPARTIMENT TAL-ARPA – ĦADDIEMA LI TELQU**

**21386. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħaddiema li telqu fil-livelli kollha tal-front desk tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) mill-2014 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din id-domanda? Għal kull tmiem, jista' jagħti l-livell tal-kariga u f'liema sezzjoni kienet assenjata din il-persuna?

25/09/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti li telenka dawk il-ħaddiema fil-livelli kollha li kienu jaħdmu fil-Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) li telqu mill-2014 sal-lum.

| Grad | Numru ta' ħaddiema |
|---|---|
| | |
| Senior Agricultural Officer | 1 |
| Manager | 11 |
| ICT Business Analyst | |
| Project Officer | 3 |
| Agricultural Officer | 4 |
| Assistant Project Officer | 1 |
| Executive Officer | 1 |
| Senior Clerk | 3 |
| Ex Postal employee | 1 |
| Applications Coordinator | 1 |

Seduta 259
07/10/2024

**AMBAXXATURI RESIDENTI**

**21428. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm hemm Ambaxxaturi residenti jirrappreżentaw lil Malta barra l-pajjiż u f'liema pajjiżi qegħdin?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista t'Ambaxxaturi residenti hija din li ġejja:

| Numru | Isem u Kunjom | Pajjiż |
|---|---|---|
| 1 | E.T. Mario Farrugia Borg | L-Awstralja |
| 2 | E.T. Natasha Meli Daudey | L-Awstrija |
| 3 | E.T. Clint Tanti | Il-Belġju |
| 4 | E.T. John Joseph Aquilina | Il-Brażil |
| 5 | E.T. Mark Anthony Pace | Il-Kanada |
| 6 | E.T. John Busuttil | Iċ-Ċina |
| 7 | E.T. Roberto Pace | L-Eġittu |
| 8 | E.T. Ronald Micallef | L-Etjopja |
| 9 | E.T. Pierre Clive Agius | Franza |
| 10 | E.T. Giovanni Xuereb | Il-Ġermanja |
| 11 | E.T. Jean Claude Mallia | Il-Ghana |
| 12 | E.T. Joseph Cuschieri | Il-Greċja |
| 13 | E.T. Giovanni Buttigieg | L-Irlanda |
| 14 | E.T. Reuben Gauci | L-Indja |
| 15 | E.T. Cecilia Attard Pirotta | L-Iżrael |
| 16 | E.T. Daniel Azzopardi | L-Italja |
| 17 | E.T. André Spiteri | Il-Ġappun |
| 18 | E.T. George Said Zammit | Il-Kuwajt |
| 19 | E.T. Carmelo Saliba | Il-Libja |
| 20 | E.T. Marisa Farrugia | Il-Polonja |
| 21 | E.T. John Camilleri | Il-Portugal |
| 22 | E.T. Marlene Bonnici | Il-Belġju (UE) |
| 23 | E.T. Simon Pullicino | Il-Qatar |
| 24 | E.T. Carmelo Inguanez | Ir-Russja |
| 25 | E.T. Clive Aquilina Spagnol | L-Arabja Sawdija |
| 26 | E.T. Francesca Camilleri | Strasburgu (Kunsill tal-Ewropa) |
| 27 | E.T. Jeffrey Curmi | In-Netherlands |
| 28 | E.T. Emmanuel Mallia | Ir-Renju Unit |
| 29 | E.T. Godfrey Xuereb | L-Istati Uniti tal-Amerka |
| 30 | E.T. Maria Camilleri Calleja | L-Emirati Għarab Magħquda |
| 31 | E.T. Joseph Sammut | It-Tuneżija |
| 32 | E.T. Chris Grima | Ġinevra (Nazzjonijiet Magħquda) |
| 33 | E.T. Vanessa Frazier | New York (Nazzjonijiet Magħquda) |

Seduta 259
07/10/2024

**AMBAXXATURI RESIDENTI**

**21429. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm mill-Ambaxxaturi residenti li jirrappreżentaw lil Malta barra l-pajjiż, huma political appointees u kemm minnhom huma career diplomats?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru t'Ambaxxaturi residenti li huma "political appointees", hekk kif qed issejħilhom l-interpellant, huwa ta' 21 filwaqt li hemm 12 -il Ambaxxatur li huma career diplomats.

Din hija prassi identika għal dak li seħħ fis-snin li għaddew. Pereżempju, fl-aħħar tal-2012, kellek ċirkostanza ta' 24 Ambaxxatur residenti, li 15 minnhom kienu political appointees, 8 kienu career diplomats, u missjoni minnhom kienet immexxija minn Charge d'Affaires.

B'differenza għal dak li kien iseħħ fil-passat, illum dawk li jkunu nominati għal dawn il-karigi diplomatiċi qed ikunu skrutinjati mill-Parlament qabel jingħataw il-ħatra.

Seduta 259
07/10/2024

**INGAĠĠ TA' CAREER DIPLOMATS**

**21430. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati career diplomats bejn Jannar 2022 u Settembru 2024, maqsuma sena b'sena, u f'liema karigi jew nomenklaturi ġew impjegati?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru, n-numru ta' *career diplomats* li ġew ingaġġati bejn Jannar 2022 u Settembru 2024, maqsuma sena b'sena, u f'liema karigi jew nomenklaturi huwa kif ġej:

Sena 2022 - 8 *Second Secretaries*
Sena 2023 - 8 *Second Secretaries*
Sena 2024 (sa Settembru 2024) – 5 *Second Secretaries*

Seduta 259
07/10/2024

**PERSONS OF TRUSTS FL-AMBAXXATI BARRA L-PAJJIŻ**

**21431. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm hemm persons of trust li huma posted ġewwa l-Ambaxxati tagħna barra l-pajjiż?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 22 *persons of trust* fil-missjonijiet barra l-pajjiż.

Seduta 259
07/10/2024

**PERSONS OF TRUSTS FL-AMBAXXATI BARRA L-PAJJIŻ - RWOL**

**21432. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid x'inhu rwol/xogħol li għandhom il-persons of trust li huma posted ġewwa l-Ambaxxati tagħna?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 13 iservu bħala Kap tal-Missjoni u 9 iservu bħala uffiċċjali fil-missjonijiet rispettivi.

Seduta 259
07/10/2024

**KUNSILLI GĦALL-MALTIN LI JGĦIXU BARRA MINN MALTA - LAQGĦAT**

**21433. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm-il laqgħa saret mill-Kunsilli għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta fis-snin 2022, 2023 u 2024, maqsuma sena b'sena?

30/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta ltaqa' f'Malta darba fl-2022, darba fl-2023 u ser jiltaqa' din is-sena fit-30 u l-31 ta' Ottubru.

L-Art. 6 (4) tal-Att XX tal-2011 jirrikjedi "Mill-inqas darba fis-sena, iċ-Chairman għandu jlaqqa' seduta tal-Kunsill f'Malta li fiha jistieden il-membri kollha li jgħixu barra minn Malta biex jattendu u jipparteċipaw f'dik is-seduta."

Seduta 259
07/10/2024

**GĦAWDEX – MANUTENZJONI FUQ SKEJJEL STATALI**

**21440. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il skola tal-Istat f'Għawdex sarilha xogħol ta' manutenzjoni bejn Jannar 2024 u Settembru 2024? Jista' jgħid ukoll liema kienu dawn l-iskejjel u x'xogħol sar fuqhom?

30/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 259
07/10/2024

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W224. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16938.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W225. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W207.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W226. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W190.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL- DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W227. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W209.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W228. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W210.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W229. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W211.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W230. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W212.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W231. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W213.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR- DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W232. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19955.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W233. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W215.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W234. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W91.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W235. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W217.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W236. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W218.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W237. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W94.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W238. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W277.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W239. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W221.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W240. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16408.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W241. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ġunju 2024?

12/07/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19964.

Seduta 259
07/10/2024

**MCAST - DEGREE FIS-SOCIAL WORK**

**W242. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma li qed issir pressjoni mill-Awtoritajiet Governattivi (primarjament mill-Kap Eżekuttiv tal-FSWS) biex id-Degree fis-Social Work tal-MCAST jibda f'Ottubru li ġej, u dan minkejja li hemm ħafna preparazzjonijiet li għad iridu jsiru u li minħabba f'hekk il-pariri tal-akkademiċi konċernati huma li dan il-programm jibda fis-sena akkademika 2025-2026 biex ikun hemm żmien biżżejjed ta' preparazzjoni?

16/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanat li l-kors imsemmi beda dan ix-xahar. Dan ser ikun ta' livell akkademiku u professjonali kif ġie maqbul mas-Social Work Profession Board.

Seduta 259
07/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W243. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16938.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W244. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W207.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W245. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W190.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W246. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W227.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W247. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W210.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W248. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19952.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W249. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W230.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W250. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W231.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W251. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 19678.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W252. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W233.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**W253. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2024?

01/08/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W91.

Seduta 259
07/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

